# It-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali: K2/2024

**NR 178/2024** **Data tal-Ħruġ: 01 ta' Ottubru 2024** **Data tal-Għeluq: 13 ta' Settembru 2024**

*Fit-tieni kwart tal-2024, Malta rreġistrat surplus ta' €406.5 miljuni fil-kont kurrenti.*



Iċ-ċifri proviżorji tat-tranżazzjonijiet esterni ta' Malta juru li matul April-Ġunju 2024, il-bilanċ tal-kont kurrenti rreġistra surplus ta' €406.5 miljuni, meta mqabbel ma' surplus ta' €215.7-il miljun fl-istess tliet xhur tas-sena ta' qabel. Dan is-surplus kien primarjament riżultat ta' bilanċi pożittivi fil-kont tas-servizzi (€1,799.6 miljun) u fil-kont tad-dħul sekondarju (€7.9 miljuni). Min-naħa l-oħra, kien hemm bilanċi negattivi netti fil-kont tal-merkanzija (€737.0 miljun) u fil-kont tad-dħul primarju (€664.0 miljun).

Fit-tieni kwart tal-2024, il-kont kapitali rreġistra bilanċ nett pożittiv ta' €99.4 miljun, li jirrappreżenta żieda ta' €60.5 miljun fuq l-istess perjodu tal-2023.

It-total ta' assi netti rreġistrat fil-kont finanzjarju kien ta' €781.1 miljun, żieda ta' €434.4 miljun meta mqabbel mal-valur irreġistrat fl-istess trimestru tal-2023. Dan l-iżvilupp fil-bilanċ tal-kont finanzjarju kien ġej l-aktar minn żidiet fl-assi netti ta' investiment ieħor (€2,915.8-il miljun), tal-investiment tal-portafoll (€439.8 miljun) u tad-derivattivi finanzjarji (€286.8 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-assi netti tal-investiment dirett (€2,832.6 miljun). Fl-istess żmien, l-assi ta' riżerva naqsu bi €28.7 miljun (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Il-bilanċ tal-kont kurrenti

